MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 21/1998
Kawza Numru. 20

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Portelli ta' 48 sena, bin il-mejjet Carmelo, Karta tal-Identita' numru 61749 (G), akkuzat talli f'Marsalforn, Ghawdex, wara Settembru 1997, b'eghmil zieni ikkorrompa lill-[ommisis *] ta' 16-il sena.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minn investigazzjoni li kienet ghamlet il-Pulizija in konnessjoni ma rapport dwar minorenni ta' 15-il sena li ma kienitx irritornat id-dar u li instabghet l-ghada, irrizulta illi din il-minorenni kien tkun fil-kumpanija ta' [ommisis *] u t-tnejn kienu jiffrekwentaw il-flat ta' certu Joseph Borg f'Marsalforn, ghalliem fl-iskola taghhom fejn kien ikun

hemm ukoll l-imputat, ghalliem iehor fl-istess skola. Din spjegat illi l-minorenni l-ohra kien ikolla x’taqsam sesswalment ma’ Joseph Borg filwaqt li hi kien ikollha x’taqsam mal-imputat.

[ommisis *] xehedet b’mod ezawrenti u tat diversi dettali dwar il-laqghat li kien ikollha mal-imputat kif ukoll ma’ Joseph Borg fil-flat f’Marsalforn;

Illi fil-fehma tal-Qorti, minkejja id-domandi li saru lil-[ommisis *] in kontro-ezami u minkejja ix-xhieda mressqa bl-iskop li [ommisis *] tidher bhala persuna gia korrotta, il-Qorti hi tal-fehma li din it-tezi ma rnexxietx u li l-istess [ommisis *] ta’ 16-il sena kienet ghadha minorenni u kienet korrotta bl-eghmil tal-istess imputat;

Ghal dawn il-mottivi ssiblill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 203 u 18 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ (2) sentejn, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-impuat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-artikolu 28 A tal-Kap 9;

Il-Qorti tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem iz-zewg minorenni mesemmija f’dawn l-atti.

Il-Qorti spjegat ukoll l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------